MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 436/2013

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**Joseph Cutajar**

iben Emanuel, imwieled Pieta', fit-2 ta' Settembru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 410375(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Cutajar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-9 ta' Lulju, 2013, ghal habta tat-tmienja u ghaxra ta' fil-ghaxija (8.10 pm) fi Triq Dun Karm, Msida:

1. Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCA–565 b'manjiera traskurata;

2. Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCA-565 b'manjiera perikoluza;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded lil Ana Maria Angela Vella bi kliem;

4. Talli hebb ghal Ana Maria Angela Vella u ikkagunalha griehi ta’ natura hafifa skont kif iccertifika Dr. John P. Gauci M.D. (Reg. 858)

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta’ Ana Maria Angela Vella jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku skont il-provediment tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Kif ukoll li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1) u 339(d) tal-Kapitolu 9, l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65, sabet lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha u ikkundannatu piena karcerarja ta’ xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Cutajar tat-18 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena li tkun ekwa u gusta ghal kaz odjern

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva li s-sentenza appellata hija nulla ai termini tal-artiklu 382 tal-Kapitlu 9 stante li l-Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar it-tielet imputazzjoni bil-formalitajiet rikjesti mill-ligi stante li l-Ewwel Onorabli Qorti ma semmietx l-artikolu tal-Ligi li tikkontempla r-reat. Illi in oltre l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Benjamino Camilleri datata 17 ta’ Settembru tas-sena 2012 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata 26 ta’ Lulju, 2010 fl-ismijiet il-Pulizija vs Graham Agius.

Illi l-esponent jitlob umilment, li din l-Onorabli Qorti joghgobha tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex huwa ma jkunx privat mill-beneficcju tad-doppju ezami. Illi l-esponent jaghmel

riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 30 ta' Novembru, 2011 fl-ismijiet il-Pulizija vs Angelo Tanti.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-esponent jirrileva illi l-piena erogata fic-cirkostanzi hija wahda esagerata tenut kont tal-fatt illi l-esponent huwa bniedem ta' kondotta tajba, ragel tal-familja kif ukoll ghandu ibnu persuna li jbati minn dizabilita` u li huwa fil-fatt permezz tal-prezenti jitlob illi jipprezenta dokumenti sabiex jissostanzjaw dawn il-fatti. Illi in oltre l-esponent jirrileva illi huwa jahdem bhala *hawker* u minkejja li jaghmel uzu tal-vettura b'mod kwotidjan, huwa qatt ma kellu problemi mal-gustizzja u dejjem kien *a law abiding citizen.*

Illi ghal kull buon fini l-esponent jitolb li jithejja *social inquiry report* minn liema rapport ghandu jirrizulta ampjament li piena karcerarja m'hiex wahda idonea fic-cirkostanzi.

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet: Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446.

L-esponenti umilment jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma nghata l-ebda konsiderazzjoni, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Illi anke f'cirkostanzi differenti immens minn dawk tal-appellant din l-Onorabli Qorti ma mponietx piena karcerarja izda piena alternattiva f'kazijiet fejn b'differenza kbira mill-kaz odjern, il-Qorti kellha quddiemha persuna pluri-ricediva li kkomettiet numru kbir ta' reati fuq medda twila ta' zmien, u kienet akkuzata b'reati aktar serji minn dawk addebitati lill-appellant.

F'dan il-kuntest l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tat-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia fejn gie ritenut illi: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena,

u f’dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-artikolu 5 kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…“Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-Avukat Generali fejn dan ighid li s-sitwazzjoni ta’ l-appellat hija “irriversibbli” – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta’ irriversibilita` assoluta – anqas ma tista’ din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta’ l-Avukat Generali li Ordni ta’ *Probation* hu indikat biss ghal “first offenders” zghazagh. Anke fil-kaz ta’ persuna ta’ eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista’ titfacca fil-hajja ta’ dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista’ jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija.”

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li s-sentenza appellata hi nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti mehtiega ghall-validita' ta' sentenza skont l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Illi dan l-artikolu jiddisponi l-validita' tas-sentenza skont dawn it-termini:
**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Illi s-sentenza meritu ta' dan l-appell li giet moghtija fit-8 ta' Ottubru, 2013 issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.  Minn analizi ta' l-artikoli tal-ligi li gew imsemmija jirrizulta li ma hemm ebda artikolu tal-ligi li jirreferi ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-appellant.

Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma.  Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija.  Fil-fatt il-

gurisprudenza l-aktar recenti hi ta' dan il-hsieb ukoll. Hawnhekk, qed issir referenza ghal tlett sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presejduta:
Il-Pulizija v. Graham Agius deciza fis-26 ta' Lulju, 2010 (per Imhallef david Scicluna);
Il-Pulizija v. Angelo Tanti deciza fit-30 ta' Novembru, 2011 (per Imhallef David Scicluna); u
Il-Pulizija v. Benjamino Camilleri deciza fis-17 ta' Settembru, 2012 (per Imhallef Michael Mallia).

Illi ghalhekk jirrizulta li aggravju ta' l-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi fid-dawl ta' dak premess, is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti esenzjali li jitkellem dwaru l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-'doppio esame' sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddecidi l-kawza mill-gdid skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata. Tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien fiha qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddecidi l-kaz mill-gdid skont il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------